# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 306/2014**

Il-Pulizija

vs

**Oliver Cutajar**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fil-21 ta' Novembru, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 551180(M)

Illum, 12 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Oliver Cutajar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-17 ta' Novembru, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Jenna Lucy Sara Cutajar u/ jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il- Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/ jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-

artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti sabitu hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Oliver Cutajar ipprezentat fit-2 ta' Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu ghas-sejbien ta' htija u thassarha u tirrevokha billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-piena stante li l-esponenti kien irregistra ammisjoni. Illi jinghad li stante l-ammissjoni wiehed kien jippretendi li alumenu l-esponenti ma' jigix ikkundannat detenzjoni. Li titfa bniedem il-habs sempliciment ghaliex ma' jistax ilahhaq mal-ispejjez inkluz l-ordni tal-manteniment, zgur li flok ser itejjeb l-affarijiet ser ikompli johloq diffikultajiet lill-familja Cutajar. Illi di piu' jinghad li hawn si tratta ta' persuna li effettivament halset hafna u hafna mill-manteniment li kellha thallas u ghalhekk certament li sanzjoni ta' habs fuq hlas ta' erba mitt [400] euro hija wahda pjuttost serja u harxa fic-cirkostanzi. Illi ghalhekk l-esponenti jikkontendi li l-piena fuqu nflitta ma' kellhiex tkun wahda ta' habs effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2016 jirrizulta li l-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut u ghalhekk ma ghandha ebda preensjoni kontra l-appellant.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata dwar is-sejbien ta' htija. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok il-piena karcerarja tillibera lill-appellant taht il-

provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.